# Is-Sried Ixoqqna Fin Fin

Adrian Grima

*Lil Walid*

Għedtli li aħjar ma tħammilx,
għax il-ħmieġ li ttella' ma jaħmilx,
iħammarlek wiċċek, ismek
ġismek jitkebbeb fil-fdalijiet u l-irwejjaħ qodma
li ttella' miegħek.
Dawk li kont ħsilt minn fuq ġildek,
dawk li kont qlajt mal-ħemda wara x-xorb.

Ħallih għall-irdoss, għedtli,
għax la tqanqal iddardar,
u la ddardar taqla',
u jiġi żmien li ma tkunx tista' taqla' iżjed,
u aħna m'għandniex stonku,
l-istonku tagħna delikat,
l-aċti tiegħu vendikattivi.

Għedtlek li dak li ttella'
jista' jintuża bħala xhieda kontrik,
li l-provi tal-innoċenza tiegħek
isiru l-kap t'akkuża.
Għedtli li l-ħama mxarrba
la titla' tibbies,
u qatt ma tista' tniżżilha lura fil-qiegħ;
li mill-qiegħ ittella' xfafar antiki
li jqattgħu l-laħam biċċiet,
li iktar ma tikber iktar inixxu demm il-ġrieħi,
li jibqgħu jtebbgħu,
li ma jkunu jridu jagħlqu b'xejn,
lanqas bix-xfafar misnunin tal-psikoterapisti.

U allura ma qlajna xejn mill-qiegħ.
Xejn li jdardrilna l-istonku.
Xejn li jimmakkja d-dijaframma.
Xejn li jobrox is-sadid.
Ħallejna s-sried tal-Imdina u r-Rabat ixoqqna fin fin,
moħħna mistrieħ li almenu
qegħdin maġenb xulxin.